MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2011

Citazzjoni Numru. 42/2011

**Bank of Valletta plc (C 2833)**

**Vs**

**Simon Lumsden (21215A) u**
**Stephanie Lumsden (17975G)**

Permezz ta' din il-kawza s-socjeta' attrici qeghda titlob li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' tmintax-il elf hames mija u disghin Euro u hamsa u tmenin centezmu (€18,590.85) flimkien ma' interessi ulterjuri mill-wiehed u ghoxrin (21) ta' April tas-sena elfejn u hdax (2011) sad-data tal-pagament effettiv, bilanc ta' self li nghata lill-konvenuti. Ir-rikors guramentat gie prezentat skont il-procedura sommarja specjali[1] fis-6 ta' Gunju 2011.

[1] Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat id-digriet taghha li permezz tieghu dan ir-rikors gie appuntat ghas-smiegh ghas-seduta tas-7 ta' Lulju 2011 fl-10.45a.m.

Illi l-konvenuta giet debitament notifikata fil-15 ta' Gunju, 2011 izda ghalkemm imsejha diversi drabi fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2011 baqghet ma dehritx.

Illi peress li fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2011 ma kienx ghadu jirrizulta mill-atti jekk Simon Lumsden kienx notifikat jew le, il-kawza kellha tigi differita ghad-29 ta' Settembru, 2011.

Illi mill-atti jirrizulta li effettivament Simon Lumsden kien gie notifikat bir-rikors guramentat fit-22 ta' Gunju 2011 personalment izda dakinhar tas-smigh tas-7 ta' Lulju 2011 ghalkemm issejjah diversi drabi ma deherx.

Fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2011 il-konvenuti imsejhin tlett darbiet ma dehrux.

Semghet bil-gurament lil Joseph Debrincat, rapprezentant tal-Bank attur, li kkonferma li mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat sallum ebda hlas ma sar mill-konvenuti u li ghalhekk l-ammont mitlub ghadu dovut fl-intier tieghu. Ix-xhud ikkonferma bil-gurament tieghu d-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat kif ukoll dawk ezebiti sussegwentement permezz tan-nota ta' l-20 ta' Gunju 2011.

Rat l-atti kollha.

Jirrizulta li l-bank attur ta' diversi somom ta' flus b'self lill-konjugi Lumsden u li l-istess konvenuti waqghu lura fil-hlas ta' dan is-self u nonostante li gew interpellati sabiex jonoraw l-obbligi taghhom baqghu inadempjenti.

Ghalhekk mill-atti u mix-xhieda ta' Joseph Debrincat jirrizulta li t-talba tas-socjeta' attrici hija gustifikata.

Ghaldaqstant il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi t-tilqa' t-talbiet kollha tas-socjeta' attrici u ghalhekk:

(1) Tiddikjara li l-konvenuti flimkien u solidament bejniethom jinsabu debituri fil-konfront tal-bank attur fis-somma ta’ s-somma ta’ tmintax-il elf hames mija u disghin Euro u hamsa u tmenin centezmu (€18,590.85) flimkien ma’ interessi ulterjuri mill-wiehed u ghoxrin (21) ta’ April tas-sena elfejn u hdax (2011) sad-data tal-pagament effettiv;

(2) Tikkundanna lilkom konvenuti flimkien u solidament bejnietkom sabiex thallsu din is-somma ta’ tmintax-il elf hames mija u disghin Euro u hamsa u tmenin centezmu (€18,590.85) flimkien ma’ interessi ulterjuri mill-wiehed u ghoxrin (21) ta’ April tas-sena elfejn u hdax (2011) sad-data tal-pagament effettiv b’effett immedjat.

Bl-ispejjez kollha a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------